MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 2663/1997/1

**Avukat Dottor Kevin F. Dingli fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Ceramica Eos. S.r.l. gia` Ceramica SIMCA S.R.L.**

**v.**

**General Commercial and Industrial Enterprises Ltd**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1.1 B’citazzjoniipprezentata mill-esponent nomine fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet premessi, l-esponent nomine wara li ippremetta:-
illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici estera s-somma ta wiehed u erbghin miljun, mitejn u sebat elef, hames mija u hamsa u tmenin Liri Taljani (LIT. 41,207,585), u dana import ta’ diversi merci mibjugha u ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura datata 12 ta’ Jannar, 1994 (Dok. “A”); il-fattura numru 2078 datata 9 ta’ Lulju, 1994 (Dok. “B”) u l-fattura numru 3689 datata 10 ta’ Dicembru, 1994 (Dok. “C”), kollha rilaxxjati mis-socjeta` attrici estera a favur ta’ l-istess socjeta` konvenuta; bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv;

illi nonostante illi s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi sabiex taddivjeni ghall-pagament, hija baqghet ghal kollox inadempjenti; u

illi d-debitu fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u ghaldaqstant fil-fehma ta’ l-attur huwa l-kaz illi dina l-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta] u s-socjeta` attrici qeghdha tipprezenta kontestwalment ma’ dina c-Citazzjoni Affidavit skond kif rikjest mill-imsemmi Artikolu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Dokument “X”);

talab:

(1) illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili tghaddi sabiex tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ l-Organizazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta]; u

(2) illi s-socjeta` konvenuta tigi ikkundannata mill-istess Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex thallas is-socjeta` attrici s-somma ta’ wiehed u erbghin miljun, mitejn u sebat elef, hames mija u hamsa u tmenin Liri Taljani (Lit. 41,207,585) fl-ekwivalent taghha ta’ dina s-somma f’Liri Maltin skond ir-rata tal-kambju prevalenti fid-

data ta’ l-eventwali sentenza li tigi moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti, u dana import ta’ diversi merci mibjugha u ikkonsenjati lis-socjeta` konvenuta skond il-fattura datata 12 ta’ Jannar, 1994 (Dok. “A”); il-fattura numru 2078 datata 9 ta’ Lulju, 1994 (dok. “B”) u l-fattura numru 3689 datata 10 ta’ Dicembru, 1994 (Dok. “C”), kollha rilaxxjata mis-socjeta` attrici estera a favur ta’ l-istess socjeta` konvenuta; bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv; bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tas-16 ta’ Lulju, 1997, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Settembru, 1997, kontra s-socjeta` konvenuta li hija ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

1.2 Permezz ta’ digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-23 ta’ Jannar, 1998, billi l-Qorti dehrilha illi s-socjeta` konvenuta ghandha eccezzjonijiet x’taghti, intlaqghet it-talba taghha li tikkontesta l-kawza ghar-raguni illi hi dehret biss bhala rapprezentant u ghalhekk ma hix marbuta f’’isimha u l-istess socjeta` konvenuta nghatat ghoxrin jum minn dakinhar sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

2.1 Is-socjeta` konvenuta eccepiet hekk:

(I) Illi t-talbiet attrici infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li s-socjeta` attrici kienet taf illi s-socjeta` konvenuta kienet biss intermedjarja ghall-bejgh tal-merce in kwistjoni minnha ossia mis-socjeta` attrici lil socjeta` ohra Maltija ossia s-socjeta` Bathroom Styles Limited ta’ Mosta Road, Lija, u ghalhekk l-esponenti socjeta` ma tista’ qatt tinzamm responsabbli ghal dak reklamat mis-socjeta` attrici. Illi ghalhekk huwa ovvju li s-socjeta` Bathroom Syles Limited ghandha tigi ikkjamata in kawza.

(II) Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess il-merce mibghuta mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta ghas-socjeta` kjamata in kawza kienet difettuza u ma kienitx tal-kwalita` pattwita. Infatt l-imsemmija merce ghadha fil-magazzini tas-socjeta` kjamata in kawza. Fir-realta` saru diskussjonijiet mas-socjeta` attrici sabiex din tehodha lura, intlahaq anke

ftehim li dan kien sejjer isir u dan ma sarx purament ghax ma qbilniex fuq l-ispejjez sostenuti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

2.2 Permezz ta' provvediment moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Frar, 1998, fil-kawza fl-ismijiet premessi, il-Qorti cahdet it-talba tas-socjeta` konvenuta ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Mejju, 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi, il-Qorti wara illi sabet illi s-socjeta` konvenuta ma hix kontradittrici legittima f'din il-kawza, helsitha mill-harsien tal-gudizzju u ordnat illi l-ispejjez tal-kawza hlief dawk li dwarhom gia` nghatat decizjoni fis-26 ta' Frar, 1998 u fit-2 ta' Gunju, 2000 ghandha thallashom is-socjeta` attrici.

**L-APPELL TA' L-ATTUR NOMINE**

4. L-attur nomine hass ruhu tassew aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti kien imissha cahdet u mhux laqghet l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta appellata u konsegwentement kien imissha laqghet it-talbiet attrici.

Skond l-appellant nomine, mill-provi kollha prodotti jirrizulta ampjament car illi kienet is-socjeta` konvenuta appellata li ikkuntrattat mas-socjeta` attrici estera u ma huwiex minnu assolutament illi f'tali kuntrattazzjoni hija ma kienitx dehret f'isimha proprju izda f'isem terzi.

Illi wara kollox kienet l-ewwel Qorti stess, proprju fl-ewwel kunsiderazzjoni taghha maghmula fis-sentenza appellata, illi kienet qablet – kif kellha ta' bilfors taqbel – mat-tezi attrici u irrispingiet l-asserzjoni tas-socjeta` konvenuta fis-sens illi ghall-finijiet u ghall-effetti ta' l-operat kollu meritu tal-kawza odjerna hija kienet agixxiet biss bhala **agent tal-kummerc** ('commission agent') ai termini ta' l-**Artikolu 70** tal-**Kodici tal-Kummerc**.

U mhux biss talli hekk, izda talli l-istess ewwel Qorti fis-Sentenza appellata taghha sahansitra irriproduciet testwalment ix-xhieda ta' **Philip Tabone** (direttur tas-socjeta` konvenuta appellata) fis-sens illi:

"Fil-kaz in ezami fil-fatt is-socjeta` Bathroom Styles Ltd. … … kienet talbitni biex nimportalha x-xoghol li huwa meritu tal-kawza fuq ismi."

Dina x-xhieda hija anke ikkorroborata mix-xhieda ta' **Saviour Vella**, rapprezentant tas-socjeta` **Bathroom Styles Ltd.**, u xhud prodott mill-istess socjeta` konvenuta appellata:

*"Ahna la qatt kellna u lanqas ghandna x'naqsmu maghhom direttament izda ghandna x'naqsmu biss ma' GENCO tas-Sur Philip Tabone*" (ara l-Affidavit ta' Saviour Vella); u, mitlub mill-avukat difensur tas-socjeta` konvenuta appellata sabiex jamplifika fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju, 1999 "… *qatt ma saret jigifieri kontrattazzjoni direttament ahna u huma, jigifieri*"; u imbaghad "*li konna nordnaw ahna kienet tasal ghalina*".

Ma saret l-ebda riferenza mill-ewwel Qorti, fis-Sentenza appellata taghha, ghal din ix-xhieda importanti ta' Saviour Vella, li l-qofol ta' l-Affidavit tieghu kien fis-sens illi

"*kont naghmel l-ordnijiet lis-Sur Tabone ta' GENCO u mbaghad hu jiehu hsieb jaghmel l-ordni lil Ceramica Simca."*

Illi dana kollu juri bl-aktar mod car u inekwivoku kif l-ordnijiet kollha kienu saru fil-konfront tas-socjeta` attrici appellanti estera direttament u unikament mis-socjeta` konvenuta appellata; u kif imbaghad **kien hemm relazzjoni kuntrattwali ohra ghal kollox separata u distinta bejn is-socjeta` konvenuta appellata u s-socjeta` Bathroom Styles Ltd**.

Illi sorpassata l-kwistjoni ta’ l-agent tal-kummerc u tenut kont, fost provi ohra anke dokumentari, tal-fuq citata xiehda ta’ Philip Tabone kif ukoll ta’ Saviour Vella, is-socjeta` attrici appellanti estera kellha kull dritt legittimu li tippretendi illi l-ewwel Qorti ma kellhiex issibha wisq difficli sabiex tasal ghall-konkluzjoni legali konsegwenzjali fis-sens illi s-socjeta` konvenuta appellata, bhala l-parti kontraenti, kienet tabilhaqq il-legittima kuntradittrici ta’ l-istess socjeta` attrici appellanti estera.

Mhux hekk pero` kien ir-ragunament ta’ l-ewwel Qorti li, bir-rispett kollu lejha, minflok ma waslet ghall-konkluzjoni logika, ghogobha twarrab ghal kollox il-principji fundamentali kollha li jirregolaw il-ligi tal-kuntratti kif imhaddna fis-sistema legali taghna, u wara illi tissorpassa dana l-korp shih ta’ ligi, tasal ghall-konkluzjoni opposta billi qieset illi fl-operat kollu meritu tal-kawza odjerna s-socjeta` konvenuta appellata kienet agixxiet mhux f’isimha proprju izda bhala mandatarju ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd.

Illi ghal darb’ohra bir-rispett kollu lejha, mhux talli l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-principji fundamentali tal-ligi tal-kuntratti, izda talli warrbet ukoll il-principji li jirregolaw l-istitut tal-mandat.

Illi dana jinghad ’il ghaliex ghalkemm (1) ma giet prodotta l-ebda prokura jew xi forma ohra ta’ mandat rilaxjat mis-socjeta` Bathroom Styles Ltd. a favur tas-socjeta` konvenuta appellata, u aktar importanti minn hekk ghalkemm fl-operat kollu taghha fil-konfront tas-socjeta` attrici appellanti estera konvenuta appellata fl-ebda hin ma issollevat, wisq anqas strahet fuq, xi tali mandat; u ghalkemm (2) l-ordnijiet, il-poloz tal-kariku u l-fatturi meritu tan-negozju in kwistjoni saru kollu fl-isem proprju tas-socjeta` konvenuta appellata u dana minghajr l-ebda dell ta’ protesta da parti ta’ l-istess socjeta` konvenuta appellata – il-Qorti xorta wahda rnexxielha tasal ghall-konkluzjoni illi s-socjeta` attrici appellanti estera ‘***kienet taf*** … … illi kienet qeghdha tbiegh lil Bathroom Styles Ltd., u li l-konvenuta kienet biss intermedjarja bejniethom’.

Illi kien biss a bazi ta' dina x-**'xjenza'**, gudizzjarment attribwita lis-socjeta` attrici appellanti estera da parti ta' l-ewwel Qorti, illi l-istess Qorti ghogobha tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellata u tikkonkudi illi l-istess socjeta` konvenuta appellata ma hix kontradittrici legittima f'din il-kawza u ghalhekk tehlisha mill-harsien tal-gudizzju.

Illi naturalment l-ewwel Qorti ma setghetx tinjora l-fatt (ghaliex wara kollox dana huwa dokumentat, u ma jiddipendix minn xi 'impressjonijiet') illi l-**'invoices'** hargu kollha fuq isem is-socjeta` konvenuta appellata.  Tali fatt wahdu kien ifixkel serjament lill-istess Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni illi hija gia` kienet waslet ghalih. Ghalhekk f'dan il-konfront il-Qorti 'fehmet' illi tali 'invoices' hargu fuq isem il-konvenuta ghal ragunijiet amministrattivi biss 'ghax il-konvenuta ma kienitx hlief intermedjarja'.

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, pero`, is-socjeta` attrici appellanti estera pero` ghandha fehma ohra u diversa, u cioe` fis-sens logiku illi l-fatturi hargu fuq isem il-konvenut proprju 'l ghaliex il-konvneuta ma kienitx intermedjarja izda l-parti kontrajenti.  Kienet sahansitra hi illi ghamlet l-ordnijiet, minghajr l-ebda kwalifika ta' xejn;  u l-poloz tal-kariku, il-fatturi u d-dokumentazzjoni l-ohra kollha relatati huma xhieda ta' dan.

Illi wara illi ghamlet attentat pjuttost debboli sabiex tiggustifika l-hrug tal-fatturi fuq isem is-socjeta` konvenuta appellata (leggerment attribwiti ghal ragunijiet "amministrattivi"), donnu jidher illi l-ewwel Qorti mbaghad qatghet qalbha milli tkompli tmexxi dana l-argument 'il quddiem 'il ghaliex naqset ghal kollox milli toffri xi tip ta' spjegazzjoni fir-rigward tal-**poloz tal-kariku** (bills of lading), liema dokumenti jindikaw lis-socjeta` konvenuta appellata proprju bhala d-destinatrici ('consignee') fil-konfront ta' l-istess merkanzija.  Dan issa jfisser illi s-socjeta` konvenuta appellata kienet qeghdha tagixxi bhala importatarici ta' l-istess merkanzija, bil-konsegwenzi legali u prattici illi dana l-involviment jimporta, u ghalhekk

certament illi l-hrug ta’ tali poloz tal-karigu ma setghux izjed jigu attribwiti ghal motivi ‘amministrattivi’!!

Illi fl-ahhar  nett, jidher car illi l-ewwel Qorti fid-deliberazzjonijiet taghha kienet influwenzata bil-bosta mill-fatt illi s-socjeta` attrici appellanti estera kienet ikkoncediet xi esklussivita` a favur tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd. fir-rigward ta’ certi serji mill-prodotti taghha ghat-territorju Malti.

Illi pero`, apparti l-fatt illi l-meritu tal-kawza odjerna ma kienx jikkoncerna tali esklussivita`, l-istess ewwel Qorti naqset ghal kollox milli tapprezza illi kwalsiasi esklussivita` illi s-socjeta` attrici appellanti estera setghet ikkoncediet a favur tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd. bl-ebda mod ma setghet tiddisturba l-fatt illi l-ftehim kien fis-sens illi l-ordnijiet, l-importazzjonijiet u l-hlasiijet isiru kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti ‘de proprio’.

Difatti s-socjeta` Bathroom Styles Ltd., ghall-finijiet ta’ l-ordnijiet kollha maghmula lis-socjeta` attrici appellanti estera mis-socjeta` konvenuta appellata, kienet fil-posizzjoni ta’ terza persuna u tali ordnijiet, fil-konfront taghha, kienu jikkostitwixxu ‘res inter alios acta’.  Dan apparti d-destinazzjoni finali tal-merkanzija bhala stat ta’ fatt, liema kwistjoni pero` kienet tirrigwarda biss lis-socjeta` konvenuta appellata u s-socjeta` Bathroom Styles Ltd. stante illi kienet l-istess socjeta` konvenuta appellata illi kienet qeghda tagixxi bhala importatrici tant illi kienet anke indikata bhala l-‘consignee’ fil-‘Bills of Lading’ relattivi.

Illi thares lejha minn fejn thares lejha l-vertenza, jirrizulta bl-aktar mod car illi apparti dawk id-drittijiet illi se mai jistghu jispettaw lis-socjeta` attrici appellanti estera fil-konfront tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd. naxxenti mill-privilegg legali li l-ligi tikkoncedi a favur tal-bejjiegh fir-rigward tal-merkanzija illi ma tkunx ghadha giet imhallsa (izda dan mhux il-kaz in ezami), mil-lat kuntrattwali (u dan huwa proprju l-bazi kollu tal-kawza odjerna) hija s-socjeta` konvenuta appellata u dina s-socjeta` biss illi tista` titqies

bhala li hija l-legittima kontradittrici ta' l-istess socjeta` attrici appellanti estera.

Naturalment, kwalsiasi azzjoni ta' rivalsa talvolta spettanti a favur tas-socjeta` konvenuta appellata fil-konfront tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd., in konnessjoni mar-relazzjoni legali separata u distinta illi setghet kienet tezisti bejn dawn iz-zewg socjetajiet, anke` fir-rigward ta' l-istess merkanzija, ghandha tibqa' ghal kollox impregudikata.

Ghaldaqstant l-appellant nomine, talab illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka fl-interita` taghha s-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Mejju, 2001, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tipprovdi minflok billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mis-socjeta` konvenuta appellata, tilqa' t-talbiet kollha attrici bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA APPELLATA</u>**

5 Is-socjeta` appellata wiegbet hekk:

[A] Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma kemm ghar-ragunijiet moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll ghar-ragunijiet segwenti.

[B] Illi l-appellanti jsostni, izda erronjament, illi l-ewwel Onorabbli Qorti irriteniet illi s-socjeta` appellata konvenuta ma kienitx qed tidher ghan-nom ta' haddiehor izda nome proprio. Dan ma ghandu xejn mill-verita`. Jekk wiehed ihares lejn is-sentenza ta' l-ewwel Qorti isib dan:

"Ghalkemm dawn l-invoices inhargu fuq il-konvenuta, l-attrici kienet taf, ghax ma tistax titqies li hi stess riedet tonqos mill-obbligazzjoni ta' esklussivita` favur Bathrooms Styles Ltd., li kienet qeghdha tbiegh lil Bathroom Styles Ltd., u li l-konvenuta kienet biss intermedjarja bejniethom."

Kliem dan li jitkellem wahdu u li ma ghandu bzonn ta' ebda interpretazzjoni u li jxejjen dak li qed tipprova tghid is-socjeta` appellanti fil-konsiderazzjonijiet taghha.

Illi s-socjeta` appellanti jidher li qed tinsa jew jaqblilha li tinsa li meta iddepona kemm permezz ta' l-affidavit kif ukoll viva voce Saviour Vella, direttur tas-socjeta` "Bathroom Styles Limited" dejjem stqarr li s-socjeta` konvenuta kienet biss l-agent tas-socjeta` estera. Hu qal, infatti, li meta kienu jordnaw il-merkanzija huma, dawn kienu jaghmluh tramite s-socjeta` konvenuta li kienet iggib merkanzija kemm ghalihom kif ukoll ghal importaturi ohra.

Meta xehed Philip Tabone, direttur tas-socjeta` konvenuta, huwa stqarr li dejjem hadem bhala commission agent u infatti wera u esebixxa, fl-atti tal-kawza, ittra mahruga mill-Kamra tal-Kummerc Maltija li huwa ilu jahdem bhala tali sa mill-1974 – vide Dok PHT1.

Meta xehed ir-rapprezentant tas-socjeta` appellanti fis-seduta tad-19 tad-Novembru, 1998, Dr Marco Brinelli qal, inter alia, illi l-esklussivita` bejn is-socjeta` minnu rapprezentata u r-rapprezentant taghhom f'Malta, kien mas-socjeta` "Bathroom Styles Limited" dan skond ma jirrizulta mill-ittra taghhom stess tal-10 ta' Lulju, 1992 (Dok BS1), illi din in-nomina qatt ma giet disdetta da parte taghhom u ghad-domanda tal-Qorti (vide pagna 17 tad-dattilografat)

"L'accordo di esclusivita` e` stato redatto in iscritto con la "Genco"? (socjeta` konvenuta)"

ir-risposta ta' l-attur kienet,

"Con la Genco no, non credo."

Illi s-socjeta` appellanti, bl-azzjoni prezenti, pruvat, ghalhekk, tenforza dak li hi tghid li ghandha, bhala relazzjoni kummercjali mas-socjeta` konvenuta, meta maghha ma ghandha ebda rabta kuntrattwali, u naqset li tfittex lis-socjeta` "Bathroom Styles Limited", li maghha

ghandha kuntratt ta’ esklussivita`! Kull kumment iehor f’dan ir-rigward ikun offiza ghall-intelligenza tal-Qorti.

Illi fuq domandi maghmula mill-Qorti fl-istess seduta x-xhud, ghall-ewwel kien pjuttost tribellanti u nebuluz izda l-ahhar risposta tieghu kienet indikattiva hafna u hawn nikkwota:

“…..ripeto, il materiale era presso la Genco, quindi era presso la Bathroom Styles, quindi probabilmente la Bathroom Styles e’ che faceva gli ordini alla Genco e poi la Genco rimandava gli ordini, insomma ecco questo e` il discorso.”

U “il discorso” (sic) ma setax kien aktar elokwenti hekk. Minn dak li qal ix-xhud stess, apparti kif irriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti dak li jirrizulta mill-korrispondenza li ma jista’ jmeriha hadd, is-socjeta` GENCO kienet it-tramite li l-ordnijiet jghaddu mill-Bathroom Styles lis-socjeta` appellanti.

Meta xehed imbaghad Dottor Maurizio Fiori, u hawn qed issir riferenza partikolari ghal dak dattilografat a pagni 28 et sek tad-deposizzjoni tieghu, huwa ghamel riferenza ghad-dokument BS1 u meta il-Qorti irrimarkatlu li,

“Questo e` un accordi di esclussivita` con la Bathroom Styles,”

huwa irrisponda,

“si, perche` pratticamente i rapporti oltre che con il signor Tabone qui presente, erano anche con il signor Vella della Bathroom Styles.”

U ghad-domanda supplimentari tal-Qorti,

“pero` questa esclusivita` e stata concesa a chi alla “Bathroom Styles” o alla Genco?”

ix-xhud irrisponda,

“Per noi pratticamente erano la stessa persona, la stessa societa`, perche` noi fatturavamo alla Genco.”

Ix-xhud ikompli jikkonferma li l-kuntratt ta’ esklussivita` kien dak ma’ Bathroom Styles.

Philip Tabone, in kontro-ezami, gie mistoqsi jekk huwa qattx iricieva kummissjonijiet minghand id-ditta estera attrici u wara li ivverifika r-records tieghu x-xhud xehed, fis-seduta tal-10 ta’ Gunju, 1999, u ikkonferma li attwalment kien irceva pagamenti ta’ kummissjoni minghand is-socjeta` attrici. Mhux biss izda fl-avvidavit ta’ Giuseppe Patrizio, li kien jahdem mas-socjeta` attrici, gie konfermat li s-socjeta` konvenuta kienet l-agent tas-socjeta` attrici, li l-kuntratt ta’ esklussivita` kien biss mas-socjeta` “Bathroom Styles”, u li s-socjeta` attrici hallset “bonifici bancari come agente intermediario” lis-socjeta` konvenuta.

Una volta li s-socjeta` appellanti kienet taf li s-socjeta` kompratrici kienet is-socjeta` Bathroom Styles u mhux is-socjeta` GENCO jiskatura immedjatament il-konkluzjoni li s-socjeta` attrici appellanti ma kellhiex qatt ebda relazzjoni kummercjali ta’ venditrici/kompratrici mas-socjeta` konvenuta u ghalhekk it-talbiet attrici ma setghux u ma jistghux jigu milqugha kontra s-socjeta` appellata.

Ghal dawn il-motivi s-socjeta` appellata issomettiet illi d-domandi attrici ma jistghux jintlaqghu kontra s-socjeta` appellata u li dan l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

6.1 Minn ezami ta’ l-aggravju ta’ l-appellant nomine ghandu jirrizulta kjarament li l-lanjanza ewlenija hija wahda, igifieri dik li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u b’hekk iddecidiet kontra l-akkoljiment tat-talbiet attrici; meta l-istess provi, li kieku gew mgharbla sew u korrettement kellhom iwasslu, skond l-appellant, biex tigi respinta l-ewwel eccezzjoni tas-

socjeta` appellata u l-kawza tkompli kontriha fil-meritu. In sostenn ta' dan l-aggravju, l-appellant nomine jaghmel diversi accenni lejn partijiet mid-deposizzjonijiet li nstemghu fil-kors tal-kawza, kif ukoll ghal affidavits li gew pprezentati flimkien mal-provi dokumentali kopjuzi li gew inseriti fl-atti min-naha tal-kontendenti in sostenn tal-provi rispettivi taghhom.

6.2 In partikolari, l-appellant nomine jirreferi ghal diversi brani mix-xhieda li nghatat mill-konvenut nomine, Philip Tabone, in kwantu dan jallega li l-operat u l-intromissjoni tieghu f'dan in-negozju kienu biss bhala agent tal-kummerc; kif ukoll ghal dik moghtija minn Saviour Vella in rapprezentanza tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd, prodott mis-socjeta` appellata, li cahad li qatt kien hemm kontrattazzjoni diretta bejn is-socjeta` tieghu u dik appellanti. Mill-fatturi li gew esebiti mbaghad, isostni l-appellant noe, jirrizulta li dawn hargu fuq isem is-socjeta` konvenuta – prova cara li mhux vera li din agixxiet merament bhala intermedjarja. L-istess jemergi minn ezami tal-polzi tal-karigu. Kwalsiasi esklussivita` li s-socjeta` attrici setghet ikkoncediet a favur tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd ma kienet taffetwa xejn il-ftehim, ossija l-ordnijiet li nghataw mis-socjeta` appellata. Il-provi juru li s-socjeta` konvenuta biss setghet titqies bhala li hija l-legittima kontradittrici tas-socjeta` attrici u mhux xort'ohra.

7. Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta appellata ghamlet hi wkoll ezercizzju, per via ta' risposta, li fih irriferiet ghal brani ohrajn mid-deposizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti biex twaqqa' l-argumenti tal-kontroparti appellanti u biex turi kemm l-ewwel Qorti iddecidiet korrettement. Is-socjeta` attrici, tissottometti dik appellata, kienet taf sew ma' min qeghdha tinnegozja, igifieri ma' Bathroom Styles Ltd.

8. Bilkemm ghandu jinghad li trattandosi ta' evalwazzjoni u apprezzament ta' provi, hija prassi ben stabbilita` ta' din il-Qorti li, sakemm ma jkunx hemm raguni gravi li tiddetta xort'ohra, hija ma tiddisturba qatt leggerment l-istess apprezzament u decizjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, tenut

ukoll kont tal-fatt li l-istess provi jkunu gew prodotti u mismugha taht il-kontroll u skrutinju ta' dik l-istess Qorti. Ovvjament, bhala Qorti ta' revizjoni, din il-Qorti jibqaghla dejjem il-kompitu li tezamina sew l-istess provi, proprju biex tara jekk l-ewwel Qorti ghamlitx analizi tajba taghhom, fid-dawl ta' dak li gie sottomess mill-partijiet kontendenti.

9. Wara li ezaminat akkuratament il-provi kollha prodotti, din il-Qorti hija tal-konvinzjoni li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u korretta. Il-verita` hi li jekk wiehed jaghzel certi brani mid-deposizzjonijiet moghtija u konvenjentement jiskarta ohrajn, allura l-vertenza tista` facilment tigi deciza favur naha jew ohra. Fic-cirkostanzi ghalhekk kien jinkombi fuq l-ewwel Qorti, u din jidher li proprju hekk ghamlet, li tiehu x-xiehda kollha u twizinha fl-assjem taghha fuq bazi ta' probabilita`. L-ewwel Qorti gustament osservat li minn ezami tal-provi jirrizultalha li kien hemm konfuzjoni mill-partijiet dwar ir-rwol rispettiv taghhom fin-negozju de quo. B'konsegwenza ta' dan, kien mehtieg li jigi stabbilit jekk fil-kuntrattazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet involuti bhala partijiet f'din il-kawza, kienx hemm x'juri li sa mill-bidunett is-socjeta` konvenuta ma kienitx qeghda tinnegozja f'isimha proprju imma invece ghan-nom ta' Bathroom Styles Ltd. Daqstant iehor imbaghad ried ukoll jirrizulta sufficjentement li s-socjeta` fornitrici, f'dan il-kaz dik li qeghda tippromwovi l-istanza, kienitx ragjonevolment edotta b'dan il-fatt. Kif kellha okkazjoni tirritjeni l-Qorti tal-Kummerc in re: "Av. Dr. Keith Bonnici noe –vs– Mark Grima", deciza fit-30 ta' April, 1992 (Koll. Vol. LXXVI-IV-677), (ara wkoll "F Cilia noe –vs– C Scicluna", 27 ta' April, 1992, Qorti tal-Kummerc, Koll. Vol. LXXVI – IV – 673),
"illi hija haga minn awl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragjonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.

Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni…."

10. Huwa veru li jekk wiehed jillimita ruhu ghall-isem li jidher fuq il-fatturi u jieqaf hemm, allura wiehed f'dak il-kaz ikollu bilfors jikkonkludi li n-negozju sar bejn l-attur nomine u s-socjeta` konvenuta GENCO. L-istess jinghad ghad-dokumenti ta' trasport bhalma huma l-poloz ta' kariku. Jirrizulta inoltre li s-socjeta` konvenuta ma haditx il-briga li ma thallix li haga bhal din ma ssirx. Minkejja dan pero`, mill-provi jidher kjarament li s-socjeta` appellanti kienet taf li GENCO kienet qeghda taghmel u tesegwixxi l-ordnijiet ghan-nom ta' Bathroom Styles Ltd. Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-attur nomine kien jikkomunika kemm mas-socjeta` konvenuta kif ukoll ma' Saviour Vella in rapprezentanza ta' Bathroom Styles Ltd. Meta s-socjeta` attrici, wara ilmenti li sarulha minn Saviour Vella nomine, iddecidiet li taghti facilitajiet ta' esklussivita` rigwardanti l-importazzjoni tal-prodotti taghha, dan il-ftehim ma sarx a beneficcju tas-socjeta` konvenuta imma sar invece a beneficcju tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd. Mix-xiehda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, Maurizio Fiori, u dan ukoll wara interventi min-naha ta' l-ewwel Qorti ghal fini ta' aktar elucidazzjoni min-naha tax-xhud (hekk ara fol. 10 tal-process), dan ix-xhud jistqarr li ghalihom iz-zewg socjetajiet – dik konvenuta u dik ta' Bathroom Styles Ltd kienu haga wahda, fi kliemu, "Per noi praticamente erano la stessa persona, la stessa societa`" – li ma kien xejn hekk. Ix-xhud wiegeb hekk proprju biex b'xi mod jispjega l-ftehim ta' esklussivita` datat l-10 ta' Lulju, 1992 – ara Dok BSI, a fol. 38 tal-process – moghti min-naha tas-socjeta` attrici lil Bathroom Styles. Is-socjeta` attrici kienet ukoll taf li l-ordnijiet u l-hlas relattiv kienu fil-fatt qeghdin isiru minn Bathroom Styles Ltd u mhux min-naha tas-socjeta` konvenuta. Id-destinatarja vera tal-merkanzija kienet il-Bathroom Styles Ltd u mhux dik konvenuta, b'dan ukoll l-attur nomine kien pjenament edott. Tant hu hekk li appena nqalghu problemi dwar l-esklussivita` fir-rigward ta' xi prodotti tas-SIMCA, ilmenti li saru minn Saviour Vella (ara fax a fol, 157 tal-process) u li fil-kawza, konvenjentement ghalih, jichad li kellu rapporti diretti ma' l-attur nomine, is-socjeta` attrici baghtet fax lil Bathroom Styles (ara Dok BS4, fol. 41) fejn din ta' l-ahhar giet informata li da parti tas-socjeta` attrici,

"….siamo venuti alla sofferta conclusione di non potervi concedere l'esclussivita` dei Ns. Prodotti per il Vs. Paese"

Ma hemmx dubju li s-socjeta` appellanti kienet ghal kollox konsapevoli ma' min realment hija kienet qeghda topera.

11. Minn ezami tal-provi jidher li meta kien hemm ilmenti dwar materjal difettuz da parti tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd u gew kondotti diversi trattativi biex l-istess materjal jintbaghat ghand terz, liema trattativi pero` fallew u kollox baqa' kif kien, kien proprju hawn li s-socjeta` attrici dehrilha opportun li tagixxi direttament kontra s-socjeta` konvenuta unikament u thalli barra ghal kollox lil Bathroom Styles Ltd mill-vertenza.

12. Minkejja l-fatt li Saviour Vella – rapprezentant tal-Bathroom Styles Ltd – ried jaghti l-impressjoni fi tmiem ix-xiehda estensiva tieghu (ara affidavit, a fol. 151 – 156 tal-process) li hu qatt ma ikkuntratta direttament mas-socjeta` attrici, ghandu jemergi sufficjentement evidenti mix-xhieda tieghu li huwa kien ilu jeffetwa ordnijiet minghand is-socjeta` attrici, tramite Philip Tabone nomine, sa mis-sena 1991. Fl-1992 Saviour Vella nomine qajjem ilment dwar merkanzija tieghu li dehret ghand ditta kompetittiva. Flimkien ma' Philip Tabone, Vella tela' l-Italja u esiga li jinghata esklussivita` fuq l-importazzjoni ta' certu tip ta' prodott min-naha ta' Ceramica Simca. Fl-1994 (fol. 153) Vella flimkien ma' Tabone rega' kien l-Italja fejn iltaqa' ma' Maurizio Fiori, Export Manager tas-socjeta` attrici u jelabora hekk,
"Jiena ghidtlu (lil Fiori) li kont diga` impenjat ma' ditti ohra fuq rapport ta' esklussivita` u dan l-impenn ma stajtx naghmlu minghand Ceramica Simca …. Ghax kienu huma stess li fil-bidu ma ridux jestendu l-esklussivita` fuq prodotti ohra allura ahna ma kellniex triq ohra ghajr dik li nixtru minn x'imkien iehor u nixtru tip wiehed biss minghand SIMCA. Ftehmna u bqajna ghaddejjin bil-ftehim li kellna."

Gara imbaghad li billi s-socjeta` attrici ma kienitx kuntenta bil-kwantita` ta' ordnijiet li sarulha in segwitu min-naha ta' Bathroom Styles Ltd, igifieri li naqsu, inqala' disgwid li kompla jaggrava ruhu bil-fatt li s-socjeta` attrici kienet nel frattemp baghtet lil Bathroom Styles Ltd. materjal diffettuz, ghal-liema Bathroom Styles Ltd irrifjutat li thallas. Saru tentattivi varji biex tinstab soluzzjoni li pero` ma rnexxewx. Din il-pendenza baqghet ittul sal-1995, Saviour Vella kompla hekk (fol. 155),
"Wara li ghadda ftit taz-zmien cempilli avukat Taljan u qalli biex inhallas l-ammont dovut lil Ceramica SIMCA <u>u jekk mhux ser naghmel dan ser ifittxuni ghall-flus</u>. Jien kont sorpriz ghall-ahhar u ghidtlu li ser incempel lil Mario Brunelli. Hu qalli li nista' ma ncempel xejn ghax id-decizjoni kienet ittiehdet. Jien x'hin rajt din is-sitwazzjoni ghidtlu li l-pagament irid jigi minghand min tkun intestata l-fattura u t-telefonata spiccat. Wara ftit taz-zmien cempilli Walter Brunelli, hu Marco Brunelli, li kien qieghed Malta u qalli biex jigu jaraw il-materjal…." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Mis-suespost jidher evidenti li t-trattativi kienu qeghdin jigu kondotti direttament bejn is-socjeta` attrici u Bathroom Styles Ltd – u li s-socjeta` konvenuta kienet semplicement intermedjarja. Meta l-ewwel Qorti insistiet gustament ghal aktar kjarezza min-naha ta' Maurizio Fiori dan jistqarr (ara fol. 101) li huma kellhom rapporti kemm mas-socjeta` konvenuta kif ukoll ma' Bathroom Styles Ltd ghaliex ghalihom "pratticamente erano la stessa persona, la stessa societa`, perche` noi fatturavamo la GENCO" – <u>mentri fir-realta` dan ma kienx hekk</u>.

Fil-fehma tal-Qorti l-evalwazzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet wahda gusta u korretta u ghalhekk isegwi li l-aggravju tas-socjeta` attrici huwa infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, <u>tichad</u> l-appell ta' l-attur nomine bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------